REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/954

tal-25 ta' Marzu 2024

li jimplimenta r-Regolament (UE) 2016/1686 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2016/1686 tal-20 ta' Settembru 2016 li jimponi miżuri restrittivi addizzjonali kontra ISIL (Da'esh) u Al-Qaida u persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet jew korpi assoċjati magħhom ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fl-20 ta' Settembru 2016, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2016/1686.

(2) Fid-dawl tat-theddida kontinwa mill-ISIL (Da'esh) u Al-Qaida, u minn persuni, gruppi, impriżi u entitajiet assoċjati magħhom, persuna waħda u grupp wieħed jenħtieġ li jinżdiedu mal-lista ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi, entitajiet, u korpi li tinsab fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1686.

(3) Għalhekk ir-Regolament (UE) 2016/1686 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1686 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-25 ta' Marzu 2024.

Għall-Kunsill
Il-President
A. MARON

([1]) ĠU L 255, 21.9.2016, p. 1.

ANNESS

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2016/1686 huwa emendat kif ġej:

(1) l-entrata li ġejja tinżdied taħt l-intestatura "A. Persuni fiżiċi msemmija fl-Artikolu 3":

"18. Mohamed Ibrahim al-Shafi'i AL-SALEM (magħruf ukoll bħala Aba Al-Sahraoui, Aba al-Sahrawi, Abba al-Saharawi); sess: raġel.";

(2) l-entrata li ġejja tinżdied taħt l-intestatura "B. Persuni ġuridiċi, entitajiet u korpi msemmija fl-Artikolu 3":

"6. Katiba Macina (magħruf ukoll bħala Macina Liberation Front, Katiba Macina of Jama'a Nusrat ul-Islam wa al-Muslimin, FLM, MLF, MLM, Massina Liberation Front, Katiba Massina, Massina Brigade, Macina Brigade, Ansar Dine Macina, Harakat Ansar al-Din Macina Brigade, Ansar al-Din South, Macina Battalion, Macina Liberation Movement, La Force de Libération du Macina, ML Movement, Massina Liberation Movement, Ansar al-Din Macina Brigade, Katiba Macina – Ansar Dine, Ansar al-Din Macina).".